MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 1084/2005

Elf Aquitaine, socjeta estera registrata Franza, bin-numru ufficcjali 552 120 784 R.C.S Nanterre, rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino (numru tal-karta tal-identita' 441061(M)

v.

Andre Guelfi

Illum, 24 ta' Novembru, 2005.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fl-14 ta' Novembru, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

Illi b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Parigi ossia id-*9eme* Chambre Correctionelle de la Cour d' Appell de Paris fil-31 ta' Marzu 2005, s-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditur tal-intimat, liema ammont gie

kanonizzat in linea ta’ danni dovuti lis-socjeta’ rikorrenti. Kopja awtentikata fil-lingwa franciza tas-sentenza in kwistjoni qed tigi annessa flimkien ma’ traduzzjoni fil-lingwa ingliza, liema dokumenti qed jigu mmarkati bhala dokument “Lcp 1” u “Lcp 2”;

Illi b’ din is-sentenza il-Qorti tal-Appell filwaqt li kkonfermat li l-intimat kellu jhallas dawk id-danni gja likwidati mill-Qorti ta’ prima istanza u cioe, Euro 28,886,344.00, US$ 3,308,131.00, US$ 9,707.54100, bl-imghaxijiet mit-12 ta’ Novembru 2003, illikwidat favur is-socjeta’ rikorrenti danni ulterjuri dovuti mill-intimat u cioe Euro 1,500,000.00, Euro 200,000.00, Euro 700,000.00 u US$ 289,482.00, flimkien mal-imghaxijiet mill-31 ta’ Marzu 2005 sal-pagament effittiv.

Illi din is-sentenza, essendo sentenza moghtija minn Qorti f’ pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea, tista’ tigi registrata f’ Malta u resa esegwibbli;

Illi in effett bis-sahha tal-Att tal-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Kap 460 tal-Ligijiet ta’ Malta) b’ effett immedjat mill-1 ta’ Mejju 2004 it-Trattat flimkein ma’ attijiet ezistenti u futuri addattati mill-Unjoni Ewropea saru jorbtu lill Malta u saru jifformaw parti mid-dritt domestiku tal-pajjiz. Kull provvediment ta’ ligi li mill-1 ta’ Mejju 2004 ikunu inkompattibbli mal-obbligazzjonijiet ta’ Malta taht it-Trattat jew li jidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandu, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma’ dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, ikunu bla effett u ma jkunx jista’ jigi infurzat;

Illi konsegwenza tal-premess saru emendi fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u partikolarment fl-artiklu 825A li jipprovdu illi fejn “…Regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropea jipprovdu dwar affarijiet regolati taht dan it-titolu (Ezekuzzjoni ta’ sentenzi ta’ Tribunali ta’ Pajjizi Barra minn Malta) b’ mod li jkunu differenti milli hemm f’ dan it-titolul, dawk ir-regolamenti ghandhom jipprevalixxu …”

Illi a tenur tal-**Council Regulation (EC) No. 44/2001** tat-22 ta’ Dicembru 2000 on Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of judgements in civil and commercial matters, liema Regulation ghandha effett dirett f’ Malta essendo regolament u mhux direttiva, sentenza moghtija f’ Qorti ta’ pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea hija ezegwibbli f’ pajjiz iehor membru tal-istess Unjoni Ewropea (Art 38 et seq tar-Regulation 44/2001). (Dokument “Lcp 3”)

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha dritt skond il-ligi u r-Regulation EC 44/2001 li titlob li dik l-istess sentenza ssir esegwibbli f’ Malta taht id-disposizzjonijiet tal-artiklu 825A et sew tal-Kap 12 kif ukoll l-artikli 33 sa’ 52 tal-EC Regulation 44/2001;

Illi ghal kull buon fini, l-esponent jirrileva ukoll illi kif jidher mill-annessa sentenza tal-31 ta’ Marzu 2005, ghalkemm l-proceduri quddiem il-Qrati Francizi bdew bhala proceduri penali, jirrisulta kif del resto konfermat fl-istess sentenza illi s-socjeta rikorrenti ikkostitwiet ruhha parte civili fil-procedura penali.

In forza tas-sentenza franciza, l-intimat gie misjub hatu u kolpevoli bhala komplici fir-reat ta’ misapproprjazzjoni ta’ beni appartenenti lil socjeta kummercjali u dan ghad-detriment tas-socjeta rikorrenti, u fl-istess hin il-Qorti franciza ikkundannat lill-intimat ihallas il-kreditu indikat in linea ta’ danni lis-sojceta rikorrenti li ikkostitwiet ruhha parti civili fil-proceduri penali in kwistjoni.

Illi s-socjeta’ rikorrenti taghhmilha cara ghal kull buon fini illi hija ghandha interess illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni tkun limitata ghall-kap fejn l-intimat gie kundannat ihallas civilment id-danni likwidati favur l-istess socjeta rikorrenti. Dan qed jigi precizat ghaliex kif jirrisulta mis-sentenza de quo, gew likwidati ammonti ohra in linea ta’ danni dovuti lil kredituri ohrajn minn debituri ossia imputati ohra involuti fil-proceduri oltre l-fatt illi fis-sentenza ukoll l-intimat gie moghti piena kriminali, haga li mhijiex l-oggett ta’ dan ir-rikors;

Illi huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi sentenza ta' natura penali li tikkundanna ukoll l-imputat ihallas lill-parti civili ammont ta' danni, hija sentenza ezegwibbli fl-ambitu tal-fuq imsemmija EC Regulation 44/2001 bhalliekieku hija sentenza civili billi tali sentenza tissodisfa r-rekwizit ta' sentenza li tirrigwara "civil and commercial matters" tant li fl-imsemmija Regulation ma hemm l-ebda tifsira jew restrizzjoni dwar il-Qorti jew Tribunal li jippronunzja s-sentenza in kwistjoni u l-unika rekwisiti essenzjali hu illi s-sentenza tikkontjeni aspetti u kundanna ta' natura civili jew kummercjali.

Illi ma' dan ir-rikors qed jigi anness ukoll ic-certifikat mahruga mill-Qorti tal-Appell ta' Parigi konfermament mal-artikli 54 u 58 tar-Regolament hawn fuq imsemmi (Dok Lcp 4)  In oltre qed jigi anness ukoll affidavit ta' Christophe Bouchez, avukat prattikanti gewwa Parigi, bil-ghan li tinghata prova dwar il-ligi procedurali ta' Franza ghar-rigward ta' proceduri kriminali u civili kif ukoll aspetti dwar l-esegwibbilta ta' sentenzi.

Illi a tenur tal-artiklu 41 tar-Regolament hawn fuq indikat, l-istharrig ta' din l-Onorabbli Qorti ghandu jkun limitat ghall-ezami tad-dokumenti indikati permezz tal-artiklu 53 tal-istess Regolament b' dan illi r-Regolament jiddisponi ukoll illi l-intimat ma ghandux jedd jaghmel sottomissjonijiet jew li jinstema' mill-Qorti izda semmai l-intimat ghandu jedd ta' appell fil-kazijiet limitati u indikati fl-istess Regolament.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull provvediment u opportun fic-cirkostanza tal-kaz u bid-dispensa tas-smiegh: -

1. Tiddikjara, a tenur tal-**Council Regulation (EC) No. 44/2001** tat-22 ta' Dicembru 2000 <u>on Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of judgements in civil and commercial matters</u>, li s-sentenza moghtija fil-31 ta' Marzu 2005 mill-Qorti tal-Appell ta' Parigi ossia id-*9eme* Chambre Correctionelle de la Cour d' Appell de Paris fl-ismijiet indikati (Referenza 04/00935) hija esegwibbli

bhalliekieku kienet sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Tordna ghall-finijiet u effett tal-artiklu 42 tal-imsemmi Regolament li l-partijiet jigu mgharrfa b' din is-sentenza.

Rat ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea numru 44/2001 mahruga fit-22 ta' Dicembru 2000, intitolati "On jurisdiction and the recognition and inforcement of judgements in civil and commercial matters" li huma applikabbli ghal Malta.

Ikkunsidrat li skond l-artikolu 41 tat-Tieni Sezzjoni tar-Regolamenti li jittrattaw l-infurzar ta' sentenzi moghtija minn Qrati ta' pajjizi ohra membri fl-Unjoni Ewropea, sentenza hekk moghtija "shall be declared enforceable immediately on completion of the formalities in article 53 without any review under article 34 and 35. The party against whom enforcement is sought shall not at this stage of the proceedings be entitled to make any submissions on the application." Dan ifisser li jekk l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiziti stabbilit fl-artikolu 53 tal-istess Regolamenti, is-sentenza estera ghandha tinghata effett immedjat f' Malta. Din id-decizjoni ghandha tigi kkomunikata lill-intimat li mbaghad ikollu d-dritt jappella skond l-artikolu 42 tal-istess Regolamenti.

L-artikolu 53 abbinat mal-artikolu 54, jitlob ghal esekuzzjoni f' Malta ta' sentenza estera li r-rikorrent jesebixxi kopja awtentika tas-sentenza li jrid jesegwixxi u certifikat mahrug mill-istat minn fejn is-sentenza tkun emanat li jikkonferma d-dettalji tal-kawza li waslet ghas-sentenza in kwistjoni u li dik is-sentenza "is enforceable against the debtor in the member state of origin."

F' dan il-kaz giet esebita kopja awtentika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-appell ta' Parigi, Franza, ossia id-9eme Chambre Correctionelle de la Cour d' Appell de Paris fil-31 ta' Marzu, 2005. B' dik id-decizjoni l-intimat gie kkundannat ihallas diversi flejjes lis-socjeta' attrici, kif indikat fir-rikors tal-istess socjeta' rikorrenti. L-istess Qorti tal-Appell fl-20 ta' Mejju, 2005 harget ic-certifikat rikjest fir-Regolament 54 u ikkonfermat li d-decisjoni taghha tal-31

ta' Marzu, 2005, hija esegwibbli fl-istat ta' Franza kontra l-intimat Andre' Guelfi. B' hekk il-htigijiet tal-artikolu 41 gew sodisfatti.

Ghandu jinghad li ghalkemm il-proceduri li saru fi Franza kienu ta' natura kriminali, is-socjeta' attrici kienet giet awtorizzata tippartecipa fil-process bhala parte civili u l-Qorti kienet specifikament ordnat lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti diversi ammonti ta' flejjes. Ghandu jinghad li r-Regolamenti in kwistjoni japplikaw ghall-kull materja ta' natura civili u kummercjali "whatever the nature of the court or tribunal". In-natura tad-debitu fil-konfront tal-intimat hu wiehed civili jew kummercjali u l-ordni tal-hlas inghatat minn Qorti imwaqqfa bis-sahha ta' ligi fi stat membru tal-Unjoni Ewropea. Fil fatt jirrizulta li skond il-ligi franciza, kull min ghandu pretensjoni ghad-danni civili u/jew kummercjali jista' jitlob li l-kaz tieghu jigi trattat mill-istess Qorti Kriminali li tkun qed tmexxi l-proceduri kriminali kontra d-debitur akkuzat; b' dan il-mod l-*action civili* titmexxa kontemporaniament mal-*action publique*. Dik il-Qorti hekk aditta taghti sentenza wahda fejn tista tikkundanna l-akkuzat ghal piena relattiva, u tordna wkoll il-hlas tad-danni lill-parte civili. Is-sentenza "civili" hija indipendenti mis-sentenza kriminali, u hija esegwibbli bi proceduri ezekuttivi civili. Is-socjeta' rikorrenti qed titlob, ghal dan l-iskop, l-enforzabilita' tas-sentenza f' Malta,

Il-Qorti taghmel riferenza f' dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija mill-European Court of Justice fil-21 ta' April 1993 fil-kaz "<u>Volker Sonntag v. Hans Waidmann et</u>" fejn gie ritenut hekk dwar l-artiklu 1 tan-1968 Convention on Jurisdiction and the Enforcement of Judgements in Civil and Commercial Matters (liema artiklu illum jinsab rifless kelma b' kelma fl-EC Regulation 44/2001 fuq citata):

*"The answer to the second question referred by the National Court must therefore be that "civil matters" within the meaning of the first sentence of the first paragraph of Article 1 of the Convention cover an action for damages brought before a criminal court against a teacher in a State School…."*

Referenza issir ukoll ghal European Civil Practice (Edituri Alexander Layton QC, u Hugh Mercer) fejn proprju fuq dan l-aspett jaghmlu dawn il-kummenti: -

*"Criminal and penal matters: Certain matters are clearly not within the meaning of "civil and commercial", even if in some cases they may be regarded as matters of private law. Criminal proceedings and judgements are excluded, although orders as to parties's civil rights made in criminal proceedings are not. Awards of civil damages in criminal proceedings (e.g. in traffic accident cases) are not uncommon among Brussels-Lugano states and fall within the scope of the Brussels-Lugano regime."*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talba billi tilqa t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif dedotti, u ai termini tal-artikolu 42 tal-imsemmija Regolamenti, tordna li kopja ta' din id-decisjoni, flimkien ma kopja tar-rikors u d-dokumenti annessi jigu notifikati lill-intimat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------